

Brussell, 29 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10471/26

LIMITE

CORLX 608
CFSP/PESC 892
MAMA 150
MOG 124
CONOP 38
FIN 868

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li
tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li tikkonċerna miżuri restrittivi
kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544¹.
- (2) Fis-16 ta' Frar 2024, l-awtoritajiet Russi ħabbru l-mewt ta' Alexei Navalny waqt li kien detenut f'kolonja penali fir-Russja. Navalny kien ġie soġġett għal prosekuzzjoni u priġunerija politikament motivati u qabel kien il-vittma ta' attakk ta' avvelenament li involva aġent nervin tossiku mill-grupp Novichok f'Awwissu 2020.
- (3) F'dak il-kuntest, u fid-dawl ta' ċirkostanzi tal-mewt ta' Alexei Navalny, il-preżenza kkonfermata tal-epibatidina f'kampjuni meħuda minnu wara mewtu u l-konklużjoni li l-avvelenament bl-epibatidina kien x'aktarx il-kawża tal-mewt tiegħu, jenħtieġ li sitt persuni jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/1544/oj>).

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544, taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", jiżiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-eLENKAR
"26.	Igor Yuryevich BABKIN (Игорь Юрьевич БАБКИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.4.1978 Post tat-twelid: Cherkasy region, USSR (issa Ukraine) Nazjonalità: Russa INN: 770170119783 Funzjoni: kap tal-laboratorju fis-Signal Scientific Center (magħruf ukoll bħala SC Signal, INN 7718813855)	Igor Babkin huwa xjenzat fl-isfera militari u l-kap tal-laboratorju fis-Signal Scientific Center (magħruf ukoll bħala SC Signal). Babkin qabel ħa-dem mal-istrutturi tad-difiża kimika, radjoloġika u bijoloġika fil-Ministeru għad-Difiża Russu, inkluż it-27th Scientific Centre u l-Military Academy for Radiological, Chemical and Biological Defence. Babkin mexxa grupp ta' riċerkaturi fis-Signal Scientific Center, li rriċerkaw u ppubblikaw artikli dwar is-sinteżi tal-epibatidina, li nstabet f'Alexei Navalny wara mewtu. Huwa għalhekk involut fl-iżvilupp tal-epibatidina bħala arma kimika. Għalhekk, Igor Babkin huwa involut fl-iżvilupp ta' armi kimiċi. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Artur Aleksandrovich Zhironov, li huwa d-Direttur ta' SC Signal.	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din d-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-eLENkar
27.	Sergey Yevgenyevich GALAN (Сергей Евгеньевич ГАЛАН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 13.6.1970 Post tat-twelid: Kramatorsk, USSR (issa Ukraine) Nazjonalità: Russa Funzjoni: xjenzat superjuri fis-Signal Scientific Center (magħruf ukoll bħala SC Signal, INN 7718813855)	Sergey Galan huwa xjenzat superjuri fl-isfera militari li jaħdem fis-Signal Scientific Center (magħruf ukoll bħala SC Signal). Galan qabel kien kienet mal-istrutturi tad-difiża kimika, radjoloġika u bijoloġika fil-Ministeru għad-Difiża Russu, inkluż it-27th Scientific Centre, is-State Scientific-Research Institute for Experimental Medicine u r-Research Institute for Applied Acoustics. Fimkien ma' kollegi fis-Signal Scientific Center, huwa rriċerka u ppubblika artikli dwar is-sinteżi tal-epibatidina, li nstabet f'Alexei Navalny wara mewtu. Huwa għalhekk involut fl-iżvilupp tal-epibatidina bħala arma kimika. Għalhekk, Sergey Galan huwa involut fl-iżvilupp ta' armi kimiċi. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Artur Aleksandrovich Zhironov, li huwa d-Direttur ta' SC Signal.	+

+ ĠU: jekk jgħodhok dan id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din d-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-eLENkar
28.	Irina Dmitriyevna DEREVYAGINA (Ирина Дмитриевна ДЕРЕВЯГИНА)	Sess: Mara Data tat-twelid: 24.3.1961 Nazjonalità: Russa INN: 772815862404 Funzjoni: analista tar-riċerka kimika fl-Istate Scientific Research Institute for Organic Chemistry and Technology (GosNIIOKhT)	Irina Derevyagina hija analista tar-riċerka kimika fis-State Research Institute for Organic Chemistry and Technology tar-Russja (GosNIIOKhT). Hija kitbet żewġ dokumenti ta' riċerka dwar l-applikazzjonijiet kliniċi u l-ittestjar tal-epibatidina, li nstabet f'Alexei Navalny wara mewtu. Għalhekk hija involuta fl-iżvilupp tal-epibatidina bħala arma kimika. Għalhekk, Irina Derevyagina hija involuta fl-iżvilupp ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din d-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-eLENkar
29.	Mikhail Vasilyevich GUTSALYUK (Михаил Васильевич ГУЦАЛЮК)	Sess: Raġel Data tat-twelid: 2.3.1968 Nazjonalità: Russa INN: 460501189420 Funzjoni: kurunell u kap tad-dipartiment għall-organizzazzjoni tal-ħidma xjentifika u t-tnejnija tal-persunal xjentifiku u pedagoġiku għall-Military Academy for Radiological, Chemical and Biological Defence	Mikhail Gutsalyuk huwa kurunell u kap tad-dipartiment għall-organizzazzjoni tal-ħidma xjentifika u t-tnejnija tal-persunal xjentifiku u pedagoġiku fil-Military Academy for Radiological, Chemical and Biological Defence. Fimkien ma' kimiki mis-Signal Scientific Center (magħruf ukoll bħala SC Signal), huwa wettaq riċerka dwar is-sinteżi tal-epibatidina, li nstabet f'Alexei Navalny wara mewtu. Huwa għalhekk involut fl-iżvilupp tal-epibatidina bħala arma kimika. Għalhekk, Mikhail Gutsalyuk huwa involut fl-iżvilupp ta' armi kimiċi. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Artur Aleksandrovich Zhironov, li huwa d-Direttur ta' SC Signal.	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din d-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elencar
30.	Olga Petrovna YUDINA (Ольга Петровна ЮДИНА)	Sess: Mara Data tat-twelid: 24.11.1986 Nazzjonalità: Russa INN: 462601484461 Funzjoni: riċerkatriċi Anzjana fis-Signal Scientific Center (magħruf ukoll bħala SC Signal, INN 7718813855).	Olga Yudina hija riċerkatriċi anzjana fis-Signal Scientific Center (magħruf ukoll bħala SC Signal). Hija tirċievi wkoll salarju mir-Research Institute for Applied Acoustics, li kien involut fl-akkwist ta' materjali li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' aġenti ta' armi kimiċi. Flimkien ma' kollegi fis-Signal Scientific Center, hija rriċerka u ppubblikat artikli dwar is-sinteżi tal-epibatidina, li nstabiet f'Alexei Navalny wara mewtu. Għalhekk hija involuta fl-iżvilupp tal-epibatidina bħala arma kimika. Għalhekk, Olga Yudina hija involuta fl-iżvilupp ta' armi kimiċi. Barra minn hekk, hija assoċjata ma' Artur Aleksandrovich Zhironov, li huwa d-Direttur ta' SC Signal.	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din d-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-ejenkar
31.	Aleksey Vadimovich AKSYONOV (Алексей Вадимович АКСЕНОВ)	Sess: Raġel Data tat-twelid: 8.10.1978 Nazjonalità: Russa INN: 366217317327 Funzjoni: riċerkatur fis-Signal Scientific Center (magħruf ukoll bħala SC Signal, INN 7718813855)	Aleksey Aksyonov huwa riċerkatur fis-Signal Scientific Center (magħruf ukoll bħala SC Signal). Flimkien ma' kollegi fis-Signal Scientific Center, huwa rriċerka u ppubblika artikli dwar is-sinteżi tal-epibatidina, li nstabet f'Alexei Navalny wara mewtu. Huwa għalhekk involut fl-iżvilupp tal-epibatidina bħala arma kimika. Għalhekk, Aleksey Aksyonov huwa involut fl-iżvilupp ta' armi kimiċi. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' Artur Aleksandrovich Zhironov, li huwa d-Direttur ta' SC Signal.	+

+ ĠU: jekk jogħbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din d-Deċiżjoni.